**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2021**

**Kawza Nru. 4**
**Rikors Nru. 9/2018 JZM**

**P.M.S. (Holdings) Ltd (C4146)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentat P.M.S. (Holdings) Ltd. fis-6 ta` Awwissu 2018 ai termini tal-Art 132 u 137(7) tal-Kap 386 li jaqra :–

*Illi s-socjeta` rikorrenti hija azzjonista fis-socjeta` Jaguar Limited (C101417). L-azzjonist l-iehor kien Peter Muscat Scerri li miet fl-4 ta` Dicembru 2017 (ara Dok. A hawn anness). Fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ghandha 499 Ordinary Shares u Peter Muscat Scerri kellu*

*9,501 Ordinary Shares kif jirrizulta mill-anness printout (datat 1 ta` Awwissu 2018) tal-Company Registry hawn annessa bhala Dok B. Ghal kull buon fini qed jigi esebit bhala Dok. C, l-ahhar Memorandum and Articles tas-socjeta` Jaguar Limited, imma dan baqa` ma giex updated bit-tibdiliet li sehhew matul is-snin.*

*Illi wara l-mewt ta` Peter (sive Rino) Muscat Scerri is-socjeta` Jaguar Limited sfat bla direttur.*

*Illi skont l-ahhar testment ta` Peter Muscat Scerri (hawn anness bhala Dok. D) huwa halla l-uzu u l-uzufrutt tal-ishma li kellu fis-socjeta` Jaguar Limited lil, allura partner tieghu (sussegwentement izzewigha), Maria Dolores sive Doreen Mizzi. In-nuda proprjeta` tal-istess thalliet lin-neputijiet kollha tat-testatur. Illi l-istess Maria Dolores sive Doreen Mizzi thalliet ukoll minn Peter Muscat Scerri bhala eredi universali tieghu.*

*Illi ghalkemm ghaddew issa iktar minn tmien xhur, Maria Dolores sive Doreen Mizzi baqghet ma ddecidietx jekk hux ser taccetta l-eredita` jew le, ghalkemm giet interpellata permezz ta` ittra bonarja f`April li ghadda (Dok. E), liema ittra baqghet mhux imwiegba.*

*Illi s-socjeta` Jaguar Limited ma tistax tibqa` minghajr direrttur u jehtieg li jigi mahtur direttur sabiex jiehu hsieb l-affarijiet ta` din is-socjeta` u jassigura li din tibqa` konformi mal-ligi. Illi minhabba din l-inazzjoni anke d-drittijet tas-socjeta` rikorrenti qed jigu naturalment lezi.*

*Illi qabel ma Maria Dolores sive Doreen Mizzi tiddeciedi x`behsiebha taghmel dwar l-eredita` ta` Peter Muscat Scerri ma tistax issir it-trasmissjoni tal-ishma favur hadd, sakemm ma jkunx hemm xi pronunzjament ta` xi Qorti dwar il-materja.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti ma tistax wahedha tinnomina direttur stante li anke jekk tissejjah laqgha generali tal-azzjonisti tas-socjeta` ma jistax ikun hemm quorum u anke kieku seta` jkun hemm quorum ma hemmx hamsin fil-mija (50%) tal-azzjonisti biex japprovaw il-hatra ta` direttur gdid.*

*Illi ai termini tal-artikolu 132 tal-Kap 386 din il-Qorti hija awtorizzata li tvarja n-numru ta` azzjonisti u diretturi necessarji sabiex jigi kostitwit quorum ghal laqgha generali tal-azzjonisti u laqgha tad-diretturi rispettivament.*

*Illi ai termini tal-artikolu 137(7) din il-Qorti f`sitwazzjoni fejn in-numru ta` diretturi jaqa` ghal inqas minn tnejn (2) tista` wkoll tahtar direttur hija stess.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob li :*

*1. Ai termini tal-artikolu 132 tal-Kap 386 hija tigi awtorizzata ssejjah laqgha generali tal-azzjonisti tas-socjeta` Jaguar Limited, f`liema laqgha l-prezenza wahedha tas-socjeta`rikorrenti ghandha tkun sufficjenti sabiex jigi kostitwit quorum tal-istess laqgha, u fejn il-maggoranza tal-azzjonisti prezenti, anke jekk ma jammontawx ghal aktar minn hamsin fil-mija (50%) tal-azzjonisti kollha tas-socjeta`, ikunu jistghu jahtru direttur ghas-socjeta`Jaguar Limited.*

*2. Fin-nuqqas li din il-Qorti tilqa` l-ewwel talba li, ai termini tal-artikolu 137(7), din il-Qorti hi stess tahtar direttur, accettabbli ghar-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Awwissu 2018.

Rat ir-risposta li pprezentaw fl-<u>4 ta` Ottubru 2018</u> il-legatarji tal-mejjet Peter Muscat Scerri (u li ghandhom in-nuda proprjeta` tal-ishma ta` Jaguar Limited) li taqra hekk :-

…

*2. Illi, l-esponenti qeghdin isofru pregudizzju sinifikanti ghall-interessi li ghandhom huma fil-kwalita` ta` legatarji u nudi proprjetarji tal-ishma mertu ta` dawn il-proceduri u dan minhabba n-nuqqas ta` azzoni tal-prezunta eredi Maria Dolores Muscat Scerri.*

*3. llli, hemm ukoll pendenti quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili proceduri fl-ismijiet "Bencini Rafel et vs Muscat Scerri Maria Dolores sive Doris, Rikors Guramentat Numru: 470/18 TA" fejn fost talbiet ohrajn, l-esponenti, rikorrenti fil-proceduri li qieghda ssir referenza ghalihom, qeghdin jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-legati lilhom imhollija mill-mejjet Peter Muscat Scerri.*

*4. Illi, in principju, l-esponenti ma jopponux ghat-talba maghmula fir-rikors promotur, pero` in vista tac-cirkostanzi u kif spjegat, tal-pregudizzju li huma diga` qed isofru, huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta` dawn il-proceduri, u li jigu kkonsultati fuq persuna nominata u li din tkun possibilment approvata minnhom.*

Rat ir-risposta li pprezentat Maria Dolores sive Doris Muscat Scerri fid-9 ta' Novembru 2018 li taqra hekk :-

*1. L-esponenti topponi ruhha ghat-talbiet tas-socjeta` P.M.S Holdings Ltd ghar-ragunijiet segwenti, u dawk kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors.*

*2. Kif tghid is-socjeta` rikorrenti, l-esponenti hija l-armla ta` Peter Muscat Scerri li miet fl-4 ta` Dicembru 2017. Bl-ahhar testment tieghu tal-15 ta` Ottubru 2015 fl-atti tan-nutar Dr Tonio Spiteri, Peter Muscat Scerri innomina lill-esponenti eredi tieghu. Inoltre, huwa hallielha l-uzu u l-uzufrutt vita durante, u minghajr obbligu tal-inventarju u kawzjoni rikjesti mil-ligi, fost ohrajn ta` "kwalsiasi azzjonijiet appartenenti lit-testatur fis-socjeta` `Jaguar Limited` - C 20417", filwaqt li halla n-nuda proprjeta, tal-istess azzjonijiet fi proprjeta` favur in-neputijiet kollha tieghu. Lill-erba` wliedu (li huma l-azzjonisti fil-kumpanija rikorrenti P.M.S. Holdings Ltd) hallielhom biss il-porzjoni rizervata lilhom skont il-ligi, izda fit-testment tieghu ddikjara li matul hajtu tahom b`donazzjoni kemm proprjeta` immobbli, kemm azzonijiet f`kumpaniji tieghu, u ordna li dawn id-donazzjonijiet jigu kollazzjonati u mputati ghas-sehem taghhom mill-porzjoni rizervata lilhom skont il-ligi fuq l-assi tieghu.*

*Minn kitba privata tal-mejjet stess, jidher li l-assi donati minnu lil uliedu kienu jeccedu l-valur ta` disa` miljun ewro (€9,000,000).*

*Ulied il-mejjet Peter Muscat Scerri (l-azzjonisti u diretturi fis-socjeta` rikorrenti P.M.S. Holdings Ltd) jafu ben tajjeb li missierhom ma ried ihallilhom xejn izjed minn dak li tahom f`hajtu, u difatti l-ftit li kien fadallu ddispona minnu favur martu u favur in-neputijiet tieghu kollha (ulied uliedu).*

*3. L-esponenti ghadha ma ddikjaratx li taccetta l-wirt ta` zewgha, ghaliex ghadha qed tistenna minghand ulied zewgha informazzjoni shiha dwar l-assi li kellu, u dwar id-donazzjonijiet li ghamlilhom, u l-valur taghhom. Minhabba f` dan, hija ghadha ma tistax tiddeciedi jekk taccettax il-wirt, inkella titlobx is-sehem rizervat lilha bil-ligi fuq l-assi ereditarju ta` zewgha.*

*F`kull kaz pero`, ir-rikorrenti taf tajjeb ukoll li anke jekk l-esponenti titlob is-sehem rizervat lilha bil-ligi, hija xorta wahda obbligata tiehu l-prelegati li hallhielha zewgha akkont ta` sehemha.*

*Ghalhekk, f`kull eventwalita`, l-esponenti ghandha interess dirett fil-kumpanija Jaguar Limited.*

*4. Il-kumpanija Jaguar Limited ma tiggestix negozju. L-uniku assi ta` din il-kumpanija hija d-dar residenzjali tal-esponenti, li kienet ukoll id-dar taz-zwieg taghha u ta` zewgha Peter Muscat Scerri. Ghalhekk ukoll, l-interess tal-esponenti fit-tmexxija ta` din il-kumpanija huwa necessarjament akbar minn tar-rikorrenti. Sfortunatament, ulied Peter Muscat Scerri, u azzjonisti fis-socjeta` rikorrenti, ma ccettawx li l-esponenti ghandha f`kull kaz jedd li tibqa` tghix u zzomm pussess esklussiv ta` din id-dar, u issa rrikorrew ghal din il-procedura mhux ghaliex huma jew uliedhom qed ibatu jew jitilfu xi haga, imma semplicernent biex jaghmlu hsara u/jew pressjoni fuq l-esponenti biex iccedilhom din id-dar.*

*5. Mhux minnu lanqas li legatarji qed ibatu xi pregudizzju.*

*6. In vista tas-suespost, l-esponenti topponi ruhha ghat-talbiet tar-rikorrenti, specjalment ghat-talba taghha li zzomm laqgha generali wahedha.*

*Minghajr pregudizzju, f`kaz li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa` t-tieni talba, ghar-ragunijiet spjegati aktar`il fuq kif ukoll dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, din il-Qorti ghandha tahtar lill-esponenti stess bhala direttur uniku tal-kumpanija Jaguar Limited minflok il-mejjet zewgha Peter Muscat Scerri.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat in-nota prezentata minn Maria Dolores sive Doris Muscat Scerri fil-25 ta` Jannar 2021.

Rat illi ma hemm ebda ostakolu sabiex jinghata l-provvediment illum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

### 1. Xhieda

#### a) Kynan Muscat Scerri

Xehed illi huwa direttur manigerjali tal-kumpannija rikorrenti ('**PMS**'). Peter Muscat Scerri kien missieru li miet fl-4 ta` Dicembru 2017.

Fisser illi PMS ghandha 5% tal-ishma ta` Jaguar Limited ('**Jaguar**').

PMS ipprezentat ir-rikors odjern ghaliex wara li miet missieru Jaguar baqghet bla direttur. Meta, bhala azzjonista, PMS talbet informazzjoni minghand l-accountant/awditur Steven Galea dwar il-qaghda ta` Jaguar, baqghet bla taghrif ghaliex kienet infurmata li bhala azzjonista ma kellhiex jedd ghal dak li kienet qeghda titlob.

Qal illi sar kuntatt bejn l-avukat ta` PMS u dak ta` Galea. Il-bottom line tal-kuntatt kien illi kien jehtieg tinzamm laqgha generali tal-azzjonisti ta` Jaguar sabiex jinhatar direttur. Skont Galea, l-audits tal-2014 u 2015 kienu tlestew, kienu ffirmati u prezentati lill-MBR. Tal-2016 tlestew ukoll izda ma setghux jigu prezentati ghaliex ghalkemm missieru kien iffirma l-audit kien lahaq miet qabel seta` jigi prezentat. Rigward taxxa, qal li ma jafx ma jafx x`kien prezentat.

Kompla jixhed illi Jaguar ghandha asset li hija l-villa "Miaja Mechta", Triq is-Siegh, L-Ibragg, fejn kien jirrisjedi u jghix missieru li tiswa mat-€3 miljun. Ma jafx li Jaguar kienet taghmel negozju.

Stqarr illi l-bqija tal-ishma ta` Jaguar u cioe` il-95% l-ohra kienu ta` missieru personalment. Il-proprjeta` tal-ishma ta` missieru llum li miet huma regolati bit-testment tieghu. Skont it-testment l-ishma thallew b`legat lill-ghaxar neputijiet tieghu, soggett ghall-uzufrutt ta` Doreen Muscat Scerri, li tigi t-tieni mara ta` missieru, illum armla tieghu. Barra minn hekk l-armla tieghu hija wkoll l-eredi universali tieghu.

Xehed illi l-villa ta` L-Ibragg kienet id-dar taz-zwieg ta` missieru ma` Doreen Muscat Scerri fejn baqghet tirrisjedi anke wara l-mewt tieghu.

Qal li mhux maghruf jekk bhala eredi universali Doreen Muscat Scerri accettatx il-wirt ta` zewgha.

Fisser li ghal PMS huwa vitali li ssir il-hatra ta` direttur sabiex ikunu jistghu jigu regolati kwalsiasi pendenzi mal-MBR u mal-Kummissarju tat-Taxxi.

Sahaq li kull meta ppruvaw jaghmlu kuntatt dirett ma` Doreen Muscat Scerri dejjem irreferiethom ghall-avukat taghha Dr Pawlu Lia.

Maghha hemm pendenzi gudizzjarji ohra.

**Fil-kontroezami** xehed li meta missieru kien ghadu haj, PMS qatt ma ssejhet biex tattendi laqgha generali formali ta` Jaguar. Kien imexxi kollox missieru.

Qal illi PMS ghandha diffikulta` biex Doreen Muscat Scerri tigi proposta biex isservi bhala direttur ta` Jaguar billi mhijiex persuna b`kompetenza li tmexxi u tidderigi kumpannija.

Xehed illi l-awdituri ta` PMS huma Grant Thornton waqt li l-awditur ta` Jaguar huwa Steven Galea, ghalkemm snin qabel Grant Thornton kienu wkoll l-awdituri ta` Jaguar.

**b) Av. Dr. Claudette Fenech**
(ghar-Registratur tal-Kumpanniji)

Xehdet illi mid-dokumenti fil-pussess tar-Registratur tal-Kumpanniji jirrizulta li Jaguar ghandha zewg azzjonisti : PMS (499 shares) u Peter Muscat Scerri (9501-il sehem). Hemm sole director wiehed u company secretary wiehed li huwa Peter Muscat Scerri. L-ahhar financial statements prezentati kienu dawk relattivi ghall-31 ta` Ottubru 2016. L-ahhar annual return li waslet ghand ir-Registratur kienet ta` l-10 ta` Marzu 2017 minghand l-awditur Steven Galea.

**c) Av. Dr. Austin Bencini**

Stqarr illi l-mara tieghu tigi wahda mill-ulied ta` Peter Muscat Scerri. Hu u martu ghandhom tlitt itfal li huma legatarji (flimkien ma` kugini taghhom) fil-wirt tan-nannu matern taghhom, Peter Muscat Scerri. Il-maggoranza tal-ishma ta` Jaguar kienu ta` Peter Muscat Scerri. Bit-testment l-ishma thallew bhala legat lill-ghaxar neputijiet ta` Peter Muscat Scerri soggett ghall-uzufrutt ta` Doreen Muscat

Scerri, li tigi t-tieni mara ta` Peter Muscat Scerri.

Kompla jixhed illi l-posizzjoni tal-ghaxar legatarji hija li l-kumpannija ma tistax tiffunzjona. Bhala fatt illum il-kumpannija m`ghandhiex direttur ; lanqas *company secretary*. Huwa l-interess tal-legatarji li jsir kull ma hemm bzonn sabiex ma jkunx hemm pendenzi mal-awtoritajiet, specjalment l-MBR u l-Kummissarju tat-Taxxi.

Qal li l-assi tal-kumpannija huma kostitwiti mid-dar ta` L-Ibragg. F`din id-dar tirrisjedi Doreen Muscat Scerri. Bhala nudi propjetarji, il-legatarji m`ghandhom ebda hjiel li qed isir. Fir-rigward ta` din id-dar, Doreen Muscat Scerri ghandha biss l-usufrutt ghaliex ghandha l-usufrutt tal-ishma ta` Jaguar li hija s-sid tad-dar.

Sahaq illi ghax il-legatarji huma nudi propjetarji tal-ishma ma jistghux isejhu laqgha generali ta` Jaguar Limited. M`ghandhomx dritt tal-vot.

Li jixtiequ l-legatarji huwa li bhala direttur tinhatar persuna professjonali li taf kif titmexxa kumpannija. Ghalihom l-importanti huwa li l-persuna tkun indipendenti, fis-sens li tkun `il fuq mill-partijiet li ghandhom interess fil-wirt, u li l-uniku interess li jkollha l-persuna tkun il-kumpannija.

Stqarr illi l-legatarji ghandhom diffikultajiet ma` Doreen Muscat Scerri fis-sens illi jidher li ma trid li jkollha ebda kuntatt maghhom ta` ebda natura. Tant hu hekk li dejjem jitkellem ghaliha l-avukat taghha Dr Pawlu Lia. Ghalhekk ma jifhimx kif tista` hi tmexxi kumpannija li fiha l-legatarji ghandhom interess dirett meta biex jaghmlu komunikazzjoni maghha jridu jittrattaw ma` l-avukat taghha.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi ma jafx jekk sarux ricerki dwar Jaguar billi ma kienx involut. Jaf li d-dar fuq riferita taghmel parti mill-assi tal-kumpannija. Jekk hemm assi ohra qal li ma jafx. Li kieku l-kumpannija kellha bord tad-diretturi u *company secretary* skont il-ligi, l-ewwel haga li kien isir mil-legatarji kien illi jiltaqghu maghhom sabiex ikun determinat bil-preciz x`ghandha l-kumpannija bhala assi u

dejjem, bil-ghan li jsibu tarf.

Kompla jixhed illi Peter Muscat Scerri kien jirrisjedi fid-dar in kwistjoni. Kien ighix fiha mal-ewwel mara. Kien ighix hemm ukoll mat-tieni mara tieghu, li maghha kien jikkoabita qabel izzewgu.

Stqarr illi ma setax ighid jekk Peter Muscat Scerri kienx imexxi negozju minn dik id-dar.

Qal illi jaf li Doreen Muscat Scerri ghandha legat tal-uzufrutt tal-ishma ta` Jaguar Limited.

**d) <u>Doreen Muscat Scerri</u>**

Xehdet illi kienet ilha tghix ghal aktar minn tletin (30) sena ma` Peter Muscat Scerri wara li romol. Kienu jirrisjedu flimkien fid-dar l-Ibragg. Izewwgu fl-2015. Hija kienet u ghadha tirrisjedi fid-dar anke wara li miet Peter Muscat Scerri fl-2017. Taf illi zewgha kien akkwista d-dar f`ismu personali madwar sena qabel sar jaf lilha. In segwitu dawwar id-dar fuq kumpannija. Xehdet illi wara l-mewt ta` zewgha ghamlet kuntatt kemm mal-Av. Pawlu Lia kif ukoll mal-accountant Steven Galea. Qalet illi qabel taccetta l-wirt ta` zewgha riedet taghmel ricerki.

**2. <u>Dokumenti</u>**

**a) <u>L-M & A ta` Jaguar</u>**

Il-qorti ssib konferma tax-xiehda *viva voce* li semghet fuq l-iskorta tal-*memorandum* u l-*articles of association* ("**<u>M&A</u>**") ta` Jaguar li kienu prezentati bhala prova.

Fl-*articles* id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-laqghat generali tal-kumpannija huma dawk bin-nru 7 sa 12. Skont in-nru 8 *the quorum shall consist of two (2) members present or by proxy.* Nafu li l-*members* ta` Jaguar huma tnejn : PMS u Peter Muscat Scerri (li miet

fl-4 ta` Dicembru 2017)

**b) <u>Verbali tal-udjenzi</u>**

Il-qorti sejra tirreferi ghal dak li jirrizulta mill-verbali ta` tnejn mill-udjenzi.

**i) <u>12 ta` Novembru 2019</u>**

Inghad hekk :

…

*Dr Lia ghal Maria Dolores sive Doreen Muscat jiddikjara illi l-assistita tieghu fil-granet li gejjin ser taghti struzzjonijiet lill-accountant tal-kumpannija Jaguar Limited sabiex tassumi d-direttorat tal-kumpannija.*

*Dr Borg, Dr Galea u Dr Cordina qeghdin jitolbu minn issa illi l-assistita ta' Dr Lia ticcara f'liema vesti qeghda tippretendi li ghandha tassumi d-direttorat tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Il-Qorti taghti zmien xahar mil-lum lil Maria Dolores sive Doreen Muscat sabiex permezz ta' nota tiddikjara l-interess taghha f'dan il-kuntest u jekk ikun il-kaz tipprezenta kull att jew dokument relevanti.*

**Ma jirrizultax li kien prezentat xejn minn Doreen Muscat Scerri fit-terminu u lanqas wara.**

**ii) <u>14 ta` Jannar 2020</u>**

Inghad hekk :

…

*Dr Lia jiddikjara li diga` nghataw struzzjonijiet lill-Awditur Stephen Galea sabiex Doreen Muscat scerri tirregistra l-interess*

*taghha fis-socjeta` Jaguar Limited fis-sens illi l-ishma mhollija lilha bit-testment ta` zewgha tal-15 ta` Ottubru 2015 jigu registrati f`isimha.*

**Apparti din id-dikjarazzjoni, ma hemmx prova li twettaq dak li kien iddikjarat.**

**III. <u>Dritt</u>**

Ir-rikorrenti mexxiet bl-azzjoni odjerna abbazi tal-**<u>Art 132</u>** (l-ewwel talba) u tal-**<u>Art 137(7) tal-Kap 386</u>** (it-tieni talba).

**i) <u>L-Art 132 tal-Kap 386</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :

*(1) Jekk ghal xi raguni ma jkunx prattikabbli li tissejjah laqgha ta` kumpannija bil-mod li bih jistghu jissejhu laqghat tal-kumpannija, jew li jitmexxew il-laqghat ta' dik il-kumpannija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti waqt dawk il-procedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi procedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpannija jew ta' xi membru tal-kumpannija li jkollu dritt jivvota fil-laqgha, tordna li laqgha tal-kumpannija tissejjah, tinzamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jinghata xi ordni bhal dan, tista' taghti dawk id-direttivi ancillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluza d-direttiva illi membru wiehed tal-kumpannija prezenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgha.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom japplikaw ukoll ghas-sejhiet ta' laqghat tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija, jekk lill-qorti jidhrilha, li c-cirkustanzi jitolbu li tittiehed azzjoni bhal dik.*

Is-subartikolu (1) jirrigwarda **<u>biss</u>** *laqghat tal-kumpannija.*

Is-subartikolu (2) **<u>jestendi</u>** dak li jahseb ghalih is-subartikolu (1) **<u>ukoll</u>** ghal *sejhiet ta' laqghat tal-bord tad-diretturi ta` kumpannija.*

Abbazi tal-fatti li rrizultaw fil-kaz tal-lum, **is-subartikolu (2) ma japplikax** ghaliex ma hemmx bord tad-diretturi x`jissejjah billi l-bord kien kompost minn direttur wiehed, li kien il-mejjet Peter Muscat Scerri. Ghalhekk bil-fatt li gie nieqes, il-kumpannija spiccat bla diretturi.

## ii) L-Art 137(7) tal-Kap 386

Id-disposizzjoni taqra hekk :

*Jekk in-numru ta' diretturi ta' kumpannija jinzel inqas minn tnejn, kull membru tal-kumpannija jista` f`kull zmien wara li jghaddu tletin jum minn meta jigri dan, b`rikors jitlob lill-qorti biex tahtar direttur jew diretturi tal-kumpannija skont il-memorandum taghha u dan bla hsara ghall-jedd tad-direttur li jkun baqa' li jimla kull vakanza li hekk tinholoq skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 140(6) matul it-tletin jum specifikati fih jew f'kull zmien iehor wara sakemm id-direttur ma jkunx mahtur mill-qorti.*

## IV. Dottrina

## 1. L-Art 132 tal-Kap 386

Il-mudell ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 kienet Sec 371(1) tal-Companies Act Ingliza 1985, li llum saret Sec 306 tal-Companies Act Ingliza 2006. Tajjeb jinghad illi fil-ligi Ingliza ma kienx hemm disposizzjoni bhall-Art 132(2) taghna. Infatti fil-ligi Ingliza s-setgha tal-qorti hija limitata ghall-*convening of general meetings* **mhux** ghal *meetings of the board of directors.*

Fil-Pag 1427-1428 ta` **Principles of Maltese Company Law** (Second Edition – Volume Three – 2019 – MUP) **Andrew Muscat** ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 –

*General meetings may also, in particular circumstances, be*

*convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings. The court should not however direct that a meeting be convened simply because the directors had rejected a request by a member to call a meeting. Nor should the court use its powers to overcome a deadlock in the company`s affairs where the deadlock is the result of a deliberately created parity of votes between two members. Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting.*

*Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers. The court may exercise its power either (i) on its own motion or on the demand of either of the parties to proceedings before it during the course of such proceedings, or (ii) in the absence of such proceedings, on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting. The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

Fil-Pag 1148, l-istess awtur ikompli jikteb hekk :-

*Where a general meeting is convened by the court under the powers conferred on it by the Companies Act the court may notwithstanding any provision in the articles of association direct that one member of the company present or in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

**2. <u>L-Art 137(7) tal-Kap 386</u>**

Fil-Pag 1264 ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** (op.

cit.) **Andrew Muscat** ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(7) tal-Kap 386 –

***This provision may prove useful in certain circumstances especially where the holders of the majority of the issued share capital are unable or unwilling to appoint directors. The intervention of the court will not only enable the company to continue to conduct its business but will also avert the possible dissolution of the company on the grounf that the number of directors has been reduced to below the statutory minimum.*** (enfasi ta` din il-qorti)

## V. Konsiderazzjonijiet tal-qorti

**L-Art 132(1) u l-Art 137(7) ghandhom jitqiesu bhala disposizzjonijiet komplementari ghal xulxin.**

**Proprju fil-kaz tal-lum, isibu il-milja tal-applikazzjoni taghhom.**

Fil-kaz odjern, il-qorti kkostatat stat reali u evidenti ta` konflittwalita` bejn membri tal-familja Muscat Scerri ghal ragunijiet li jmorru certament `lil hinn mill-kamp tar-regoli socjetarji kif dawn jirrizultaw mill-M&A ta` Jaguar u mill-Kap 386.

Singolari f`dan il-kaz huwa l-fatt illi l-membri ta` Jaguar sal-lum mhumiex identifikati **bis-shih**.

Infatti sa qabel miet Peter Muscat Scerri fl-4 ta` Dicembru 2017, il-membri ta` Jaguar kienu tnejn : ir-rikorrenti u Peter Muscat Scerri, b`dan tal-ahhar jippossjedi bil-wisq il-bicca l-kbira tal-ishma.

Wara li miet Peter Muscat Scerri, u ghal ragunijiet li hargu kjarament waqt il-gbir tal-provi f`din il-kawza, ma sarx trasferiment tal-ishma skont il-Kap 386 abbazi tad-disposizzjonijiet testamentarji tieghu.

**Ghal din il-qorti dan ifisser illi dak li jahseb ghalih l-Art 132(1) <u>mhux possibbli</u> li jitwettaq ghaliex il-membru bil-bicca l-kbira tal-ishma ghadu mhuwiex identifikabbli <u>ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kemm dik generali kif ukoll dik specjali.</u>**

**Ghandek il-legatarji tan-nuda proprjeta` tal-ishma li accettaw il-legat imholli lilhom minn Peter Muscat Scerri fit-testment tieghu, waqt li Doreen Muscat Scerri, li tigi t-tieni mara tieghu, li mhux biss hija l-uzufruttwarja tal-ishma, izda wkoll l-eredi universali ta` Peter Muscat Scerri, ma jirrizultax li sal-lum accettat il-wirt ta` zewgha u l-uzufrutt imholli lilha.**

**Dan ikompli jfisser illi laqgha generali skont kif previst mill-Art 132(1) tal-Kap 386 mhijiex prattikabbli, anzi tkun insidjuza, ghaliex tista` twassal ghal litigazzjoni ulterjuri, b`zieda ma` dak li diga` hemm bejn il-membri tal-familja Muscat Scerri, propju ghaliex "membru" wiehed mit-tnejn li jiffurmaw il-bazi ta` Jaguar Limited ghadu mhux determinat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Proprju ghaliex id-disposizzjonijiet huma komplementari, is-soluzzjoni ghar-rebus li nholoq fl-ambitu tal-familja Muscat Scerri tinsab fl-applikazzjoni tal-<u>Art 137(7) tal-Kap 386</u> li l-qorti tishaq li ghandu jsib applikazzjoni fil-kaz odjern, ladarba hija tal-fehma li l-Art 132(1) ma jghoddx ghall-fattispeci ta` dan il-kaz, ghaliex iwassal ghal soluzzjoni l-applikazzjoni tieghu tista` tiftah bieb ghal disputi godda.**

Ma huwa l-interess ta` ebda membru (anke jekk prospettiv) li Jaguar Limited tibqa` bla bord ta` diretturi mqar jekk ikun kompost minn direttur wiehed li huwa l-minimu permess mhux biss mil-ligi izda wkoll mill-M&A.

L-obbligi statutorji ta` Jaguar jibqghu dawk li huma nonostante d-disgwid u l-incertezza li kjarament tirrenja fl-ambitu tal-familja Muscat Scerri.

Il-qorti sejra ghalhekk tapplika l-Art 137(7) minflok l-Art 132(1) u tahtar bhala direttur ta` Jaguar Limited ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti, wara li qieset dak li wiegbu l-partijiet interessati, billi qeghda :**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba. Bl-applikazzjoni tal-Art 137(7) tal-Kap 386 tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala direttur tal-kumpannija Jaguar Limited (C10417) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu mill-kumpannija Jaguar Limited (C10417).**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**